

# Esebixxi għall-Volontarjat

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS) nieda din l-inizjattiva sabiex jassisti lill-Organizzazzjonijiet Volontarji f'inizjattiva ta' għarfien dwar l-organizzazzjoni u kif ukoll għall-ġbir ta' fondi.

Għal dan il-għan, **Organizzazzjonijiet Volontarji huma mħeġġa jistiednu artisti jew fotografi sabiex jesebixxu xogħlijiet tagħhom fiċ-Ċentru tal-Volontarjat ġewwa r-Rabat, Malta**. Il-kummissjoni tal-artist jew fotografu tmur għall-istess Organizzazzjonijiet Volontarji.

## Linji Gwida

### Liema huma l-Organizzazzjonijiet Volontarji eliġibbli?

Dawk l-Organizzazzjonijiet Volontarji li huma rreġistrati u compliant mall-Kummissarju tal-Volontarjat.

Kull Organizzazzjoni Volontarja jista' jkollha sa esibizzjoni waħda kull sena kalendarja ddedikata għaliha.

### Min hu eleġibbli li jesebixxi?

Kull Artist fil-qasam viżwali jista' jesebixxi biċċiet tal-arti, minn pittura, skultura, installazzjonijiet, fotografija u midja oħra approvati.


Volunteer Centre
17, St. Benedict Street,
Rabat, Malta

22481110

mcvs.miv@gov.mt

www.maltacvs.org

## Ħlasijiet u kontribuzzjonijiet

Fil-każ ta' artist privat li jixtieq jesebixxi f'dawn iċ-ċentri, dan irid iħallas irid iħallas kontribuzzjoni ta' €250 lill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat, li jmorru għall-Fond tal-Volontarjat immexxi mill-istess MCVS.

Apparti dan, kull Artist għandu jikkontribwixxi mill-inqas 15% fuq il-bejgħ ta' kull biċċa arti mibjugħa waqt l-esibizzjoni lill-Organizzazzjoni Volontarja magħżula.

L-Artist jista' jagħżel li jikkontribwixxi 'kummissjoni' għola minn 15%.

Organizzazzjonijiet Volontarji li jixtiequ jesebixxu xogħlijiet, kemm tal-membri tagħhom u kif ukoll tal-klijenti, jistgħu jagħmlu dan bla ħlas. Il-VO f'dan il-każ hija mħeġġa tikkuntattja lill-MCVS sabiex jintlaħaq ftehim speċifiku għall-esebizzjoni.

## L-Immaniġġjar tal-Esebizzjonijiet

L-esibezzjonijiet huma mmexxija mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat, li permezz ta' Bord ta' Koordinament ser jilqa' talbiet u jagħżel l-artisti li ser jesebixxu. L-għan tal-Bord huwa li, filwaqt li jinkoraġġixxi artisti ġodda, jippreżenta arti ta' livell.

Din l-inizjattiva qed issir b'kollaborazzjoni ma' nies involuti fil-qasam tal-Arti sabiex jassistu fl-aspett ta' koordinament tal-artisti, ir-rwol ta' kuraturi tal-esebizzjonijiet u jassistu fil-promozzjoni tal-istess esibizzjonijiet.

Kemm Organizzazzjonijiet Volontarji kif ukoll Artisti jistgħu jieħdu l-inizjattiva u jikkuntattjaw lill-MCVS sabiex itellgħu esebizzjoni skont iż-żmien disponibbli.

Artisti li ma jkollhomx preferenza ta' Organizzazzjoni Volontarja jiġu assenjati għaqda mill-MCVS skont dawk l-għaqdiet li juru interess li jipparteċipaw f'din l-inizjattiva.

Organizzazzjonijiet Volontarji, minn naħa tagħhom, jistgħu jsibu Artist li lest jesebixxi għalihom jew sempliċiment juru l-interess li jkunu parti minn lista disponibbli sabiex l-artisti jistgħu jagħżlu.

Kif l-Artist u l-Organizzazzjoni Volontarja jkunu kkonfermati, l-MCVS tiffirma ftehim bil-kundizzjonijiet stabbiliti mal-istess żewġ partijiet.

Kull Artist jista' jesebixxi għal tul ta' ħmistax il-ġurnata.

L-Artist u l-Organizzazzjoni Volontarja huma responsabbli għall-ftuħ tul l-esebizzjoni, għall-immaniġġjar loġistiku relatati mal-esebizzjoni, tal-ispazji użati fiċ-Ċentru u tal-viżitaturi li jżuru l-istess esebizzjoni.

## Post tal-Esibizzjonijiet

L-esibizzjonijiet jistgħu jittellgħu fl-ispazji dedikati għalihom fiċ-Ċentru tar-Rabat, Malta.

## Kuntatt

Artisti u Organizzazzjonijiet Volontarji għandhom jikkuntattjaw lill-Kunsill Malti għas Settur tal-Volontarjat sabiex juru l-interess tagħhom f'din l-inizjattiva.

Volunteer Centre
17, St. Benedict Street,
Rabat, Malta

22481110

mcvs.miv@gov.mt